**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Ben Hamed Abdulsalam**

**Illum, 30 ta' Lulju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ben Hamed Abdulsalam akkuzat talli nhar it-13 ta' Awwissu 2017, ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghaxija (21.15hrs) gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Wara li gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess t'oggetti li ma kienux

f'kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu <u>u dan bi ksur tal-Artikoli 287 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla 'Kia Avella' u ghamel uzu minn numru t'identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari cioe` saq vettura ta' l-ghamla 'Kia Avella' ta' lewn abjad u ghamel uzu minn pjanci tan-numru tar-registrazzjoni ohra cioe` HBH-713 mahruga fuq 'Volkswagen Passat' ta' lewn blu; <u>u dan bi ksur tal-L/S 368.02 reg. 32(5) u 44(4) tal-Ligijiet ta' Malta;</u>

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Kia 'Avella' bin-numru ta' registrazzjoni CCB-495 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni, <u>u dan bi ksur tal-Art. 3 tal-Kap, 104 tal-Ligijiet ta' Malta</u>;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Transport ta' Malta, biex tintuza fit-triq u dan bi ksur tal-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

**U akkuzat ukoll talli fix-xhur ta' bejn Frar u Awwissu 2017 gewwa Triq il-Gummar, B'Kara:-**

6. minn fuq il-vettura ta' l-ghamla VW Passat bin-numru tar-registrazzjoni HBH-713, ikkommetta serq ghad-dannu ta' Raphael Falzon u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', kif ukoll bix-'xorta tal-haga misruqa', liema valur jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett

mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (c)(g), 267, 271 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi tiskwalifika lil Ben Hamed Abdulsalam milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u cioe' fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru elfejn u tmintax u talab li jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal ta' Probation liema talba giet milquha.

Rat il-provi u r-rapport tal-ufficjal tal-Probation Deborah Farrugia datat hdax (11) ta' Frar elfejn u dsatax (2019) fejn gew imnizzla is-segwenti konkluzjonijiet:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura, jidher li Abdulsalem Ben Hamed mhux qieghed jghix hajja stabbli, fejn il-problema tal-vizzju tad-droga hija element principali f'hajtu li hemm bzonn li tigi indirizzata. Jidher bic-car li huwa ghandu bzonn jaghmel programm ta' riabilitazzjoni sabiex jikkontrolla dan il-vizzju li qieghed ixekklu milli jaghmel decizjonijiet bilghaqal f'hajtu.*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu u kif ukoll tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u l-fatt li huwa qatt ma nghata ordni komunitarja fil-passat ghajr Ordni ta' Trattament, qed jigi umilment issuggeriet lil din l-Onorabbli Qorti li l-*

*imputat jitqieghed that Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li huwa jikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni u kif ukoll multa idonea ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-ghan ta' dan huwa li l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega, izda fl-istess hin jerfa' responsabilita' ta' ghemilu u jitghallem mill-izbalji tieghu sabiex ma jergax jirrikorri ghal mezzi kriminali u ghall-vizzju tad-droga biex isolvi l-problemi li jiltaqa' maghhom tul hajtu".*

Illi wara li semghet il-konkluzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation din il-Qorti riedet thalli ftit aktar zmien jghaddi u dan sabiex l-imputat jissahhah aktar biex jiffaccja decizjoni kontrih bl-ahjar mod.

Illi finalment u wara li semghet ir-rapport dwar l-andament tal-imputat mill-ufficjal tal-Probation, fid-dsatax (19) ta' Lulju elfejn

u wiehed u ghoxrin (2021) l-imputat ikkonferma li hu ma kellux oggezzjoni sabiex jissottometti ruhu ghall-programm residenzjali fuq id-dipendenza tad-droga u ghalhekk din il-Qorti ddifferiet din il-kawza ghas-sentenza.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq ammissjoni tal-imputat ma hijiex ser timponi l-ebda piena karcerarja izda piena riabilitattiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 287 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, L/S 368.02 reg. 32(5) u 44(4) tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap, 104 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 280 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Ben Hamed Abdulsalam hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u a rigward l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u s-sitt (6) akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza, filwaqt li ghat-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi

tikkundannah ghall-multa ta' elfejn, erba' mija u sitta u erbghin ewro (€2,446).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**